MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 1702/2010

**Sandra Micallef Gravina**
**(ID-499873M)**

**vs**

**Mario Micallef**
**(ID-43470M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet li l-intimat ikun ikkundannat ihallas lill-esponenti s-somma ta' elf erba' mija u sebghin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€1,477.84c) rapprezentanti sehemu minn loan mal-*HSBC Bank Malta plc* mhallas mill-esponenti bl-imghax legali minn 21 ta' Marzu, 2006 sad-data tal-pagament effettiv.
Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha qieghed jammetti t-talba kif dedotta fl-ammont ta' mitejn u tnejn u tmenien Ewro u erbgha u tmenien centezmu (€282.84c) biss u dan stante li l-kumplament ta' l-ammont mitlub gie pacut a tenur ta' l-artikolu 1196 et seq tal-Kap 16 u dan kif tiddisponi s-sentenza fl-ismijiet **Sandra Micallef vs Mario Micallef (Cit. Nru. 2144/00)** deciza nhar it-30 ta' Gunju, 2004, li ghaddiet in gudikat, u senjatament dak li gie deciz a fol. 16 tal-istess sentenza dwar il-vettura Fiat Punto liema ammont ta' elfejn tlieta u disghin Ewro (€ 2,390) thallas fl-intier tieghu mill-esponenti lil *Pater Finance Co. Ltd.* u dan fil-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2004 sa Gunju, 2005, fejn nofs dan l-ammont kien dovut mill-attrici.

Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi in forza tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob illi l-konvenut jigi kkundannat jhallas lill-attrici s-somma ta' elf erba' mija u sebgha u sebghin Ewro u erbgha u tmenien centezmu (€ 1,477.84c), liema ammont jirraprezenta nofs il-hlas li sar permezz ta' pagament wiehed lill-HSBC Bank Malta p.l.c. fl-2006, u dan sabiex jigi saldat debitu li l-partijiet kontendenti kellhom mal-Bank, qabel mal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom giet xjolta permezz ta' sentenza moghtija, mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-30 ta' Gunju, 2004. Illi l-ammont reklamat mill-attrici huwa n-nofs tal-ammont rizultanti minn Dok. A li jinsab a fol. 17 tal-atti. Illi da parti tieghu, il-konvenut mhux qed jikkontesta li dan l-ammont thallas mill-attrici, u li hallset dan l-ammont ghan-nom tieghu wkoll, u li ghalhekk hija intitolata ghal refuzjoni ta' nofs dak l-ammont.

Illi madanakollu, l-istess konvenut qed jikkontendi illi hemm tpacija ta' parti sostanzjali minn dan l-ammont dovut lill-attrici, ma' kreditu spettanti lill-istess konvenut, u liema kreditu jikkonsisti f'pagamenti li l-konvenut wettaq ukoll fuq oggett li kien formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, u li ghalhekk l-attrici ghandha taghti refuzjoni ta' dan l-ammont lill-konvenut. Illi dan il-kreditu huwa relattiv ghal pagamenti li wettaq il-konvenut lil Pater Finance Company Limited, fuq vettura tal-marka Fiat, li ai termini tal-istess sentenza ta' separazzjoni personali, giet assenjata fi piena u assoluta proprjeta' lill-konvenut. Illi da parti tieghu l-konvenut qed isostni illi hallas hdax (11)-il pagament ta' mitejn u erba' Ewro u tmienja u disghin centezmu (€204.98), u pagament wiehed ta' mija u hamsa u tlettin Ewro u ghaxar centezmi (€ 135.10c), li kumplessivament jammontaw ghal mitejn tlett mija u disgha u tmenin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,389.88c), li allura s-sehem tal-attrici minnhom jammonta ghal elf mija u erbgha u disghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,194.94c), li mnaqqas mill-ammont dovut lill-istess attrici jwassal ghal bilanc ta' mitejn u tnejn u tmenin Ewro u disghin centezmu (€282.90c), li huwa ddikjara li huwa dovut minnu lill-attrici. Illi dawn l-ammonti jirrizultaw minn Dok. C li jinsab a fol. 42 tal-atti, u Dok. MM1 li jinsab a fol. 49 tal-atti, li lkoll jittrattaw il-modalita' ta' pagamenti mwettqa mill-konvenut in konnessjoni ma' din il-vettura. Illi da parti taghha, l-attrici mhux qed tikkontesta li dawn il-pagamenti gew imwettqa mill-konvenut.

Illi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet jidher li tittratta dwar l-interpretazzjoni tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja), in kwantu fil-parti disposittiva taghha gie ordnat illi tinbiegh id-dar matrimonjali, u qabel ma r-rikavat jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet, ghandhom jithallsu (i) kwalunkwe debitu gravanti din il-proprjeta', (ii) d-debitu dovut in rigward l-vettura tal-marka Fiat, u (iii) tithallas is-somma ta' elf Lira Maltin (Lm 1,000), ekwivalenti ghal mitejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37c), lill-konvenut. Mill-kumplament, ir-rikavat kellu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-kontendenti. Illi ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal,

jirrizulta sodisfacentement car minn din is-sentenza liema passiv gravanti l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kellu jigi sopportat miz-zewg partijiet f'sehem indaqs, u dan kien jikkonsisti specifikament fid-dejn gravanti d-dar matrimonjali u d-dejn gravanti l-vettura tal-ghamla Fiat.

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-attrici hallset wahedha d-dejn li kien ghadu dovut lil HSBC Bank Malta p.l.c., filwaqt illi l-konvenut hallas wahdu d-dejn li kien dovut fuq il-Fiat Punto. Il-konvenut qed isostni illi dan id-debitu li gie saldat minnu, ghandu jigi ekwiparat mad-debitu li hallset l-attrici. Da parti taghha, l-attrici qed tikkontesta din l-affermazzjoni, ghaliex skond hi, ladarba l-vettura giet assenjata lilu, u tinsab fil-pussess tieghu, allura dawk il-pagamenti li gew imwettqa mill-konvenut wara d-data tas-sentenza, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.

Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' din it-tezi, ghaliex *ai fiene dei conti*, fis-sentenza ma giex specifikat illi xi parti jew ohra ghandha thallas dan id-debitu specifiku, anzi huwa sodisfacentement car illi dan id-debitu ghandu jigi sopportat miz-zewg partijiet f'sehem indaqs, bhal ma kellu jigi sopportat id-dejn relattiv ghad-dar matrimonjali dovut lill-Bank miz-zewg partijiet f'sehem indaqs. Ghalhekk, gialadarba l-attrici hija intitolata ghal refuzjoni minghand il-konvenut ta' nofs il-pagament li hallset lill-Bank, daqstant iehor hija dovuta refuzjoni lill-konvenut ta' nofs il-pagamenti mwettqa minnu fuq il-vettura, liema vettura, di piu', giet specifikament identifikata fis-sentenza bil-ghamla u n-numru ta' registrazzjoni.

Illi lanqas l-istess sentenza ma tindika illi huma biss pagamenti li thallsu qabel ma nghatat is-sentenza, jew pagamenti li gew imwettqa wara s-sentenza, li kellhom jigu sopportati miz-zewg partijiet; illi jsegwi ghalhekk illi irrispettivament minn meta thallsu l-pagamenti, kemm mill-attrici kif ukoll mill-konvenut, dawn ghandhom dritt ghal refuzjoni minghand il-parti l-ohra ta' nofs l-ammont hekk imhallas, in kwantu l-hlas sar in konnessjoni mad-dar matrimonjali u l-vettura in kwistjoni.

Illi fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, irrispettivament mill-fatt illi fis-sentenza hemm specifikat illi dawn l-ammonti kellhom jithallsu mill-bejgh tal-proprjeta’ identifikata fl-istess sentenza, ladarba mill-atti jirrizulta illi kienet parti u ohra li hallsu dawn l-ammonti personalment, allura jsegwi illi l-parti li hallset dejn partikolari ghandha dritt li tirkupra minghand il-parti l-ohra nofs il-hlas imwettaq minnu / minnha.

Illi ghalhekk b’applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Ligi kontenuti f’Titolu IV ta’ dik is-sezzjoni tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li tittratta dwar “hlas”, gialadarba l-ammonti li huma dovuti lil parti u lil ohra huma ta’ ammont likwidu u determinat, allura ghandu jkun hemm ekwiparazzjoni bejn iz-zewg ammonti. Illi fil-kaz in ezami, l-ammont li thallas mill-attrici huwa akbar minn dak li thallas mill-konvenut, allura jkun fadal bilanc dovut lill-istess attrici, u dan fl-ammont li gie indikat mill-konvenut fir-risposta tieghu, u cioe’ mitejn u tnejn u tmenin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€282.84c), dwar liema ammont kien hemm ammissjoni minnu li huwa dovut lill-attrici.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, in kwantu qed jitlob li jkun hemm ekwiparazzjoni ta’ parti mill-kreditu spettanti lill-attrici ma’ hlas imwettaq minnu, jilqa’ biss *in parte* t-talba tal-attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ mitejn tnejn u tmenin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€282.84c), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-kawza ghandha tibqa’ bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------